

Brussell, 21 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10332/18

FIN 491
CADREFIN 124
FC 32
FSTR 36
REGIO 47

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9677/18 + COR 1	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 8/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mill-UE għal investimenti produttivi fin-negozji – jeħtieġ li jkun hemm fokus akbar fuq id-durabbiltà" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Appoġġ mill-UE għal investimenti produttivi fin-negozji - jeħtieġ li jkun hemm fokus akbar fuq id-durabbiltà", adottati mill-Kunsill fit-3624 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Ġunju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

"Appoġġ mill-UE għal investimenti produttivi fin-negozji – jeħtieġ li jkun hemm fokus akbar fuq id-durabbiltà"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 8/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem "il-Qorti") u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport;
- (2) JIEĦU NOTA li r-Rapport jivvaluta d-durabbiltà tal-outputs u r-riżultati ta' investimenti produttivi fin-negozji f'haġes Stati Membri¹ fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) matul il-perijodi 2000-2006 u 2007-2013;
- (3) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
 - Ir-rekwiżiti tad-durabbiltà skont il-liġi tal-UE ġew issodisfati fir-reġjuni kollha fejn sar l-awditu;
 - Il-proġetti awditjati, b'mod ġenerali, ipproduċew outputs skont kif ippjanat;
 - Il-maġġoranza tal-proġetti awditjati kellhom riżultati durabbli, waqt li għal kwart mill-proġetti, ir-riżultati kienu parzjalment durabbli u għal wieħed minn kull haġes proġetti r-riżultati ma kinux durabbli;

¹ L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Italja u l-Polonja.

- F'każ ta' nuqqas ta' durabbiltà, il-Qorti identifikat bħala raġunijiet sottostanti l-konċentrazzjoni insuffiċjenti fuq id-durabbiltà f'livelli differenti ta' ġestjoni tal-fondi tal-UE kif ukoll dgħufijiet ta' ġestjoni u, f'xi każijiet, fatturi eżoġeni bħall-kriżi ekonomika;
 - Il-maġġoranza tal-proġetti ġġeneraw riżultati diretti, l-aktar b'rabta mal-ħolqien tal-impjiegi, titjib fl-aċċess għal finanzjament u self, u żieda fil-produzzjoni u l-produttività, ukoll lil hinn mit-tlestija tal-proġett;
 - Il-qafas regolatorju għall-politika ta' koeżjoni fil-perijodu 2014-2020 saħħaħ il-fokus fuq id-durabbiltà;
 - Għall-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, il-Qorti tirrakkomanda aktar titjib li jsaħħaħ id-durabbiltà tar-riżultati;
- (4) JILQA' s-sitwazzjoni ġeneralment sodisfaċenti fir-rigward tad-durabbiltà tal-proġetti kif deskritta fir-Rapport;
- (5) JINNOTA li l-kunċett tad-durabbiltà użat fl-awditu hu differenti mir-rekwiżiti ta' durabbiltà tal-leġislazzjoni tal-UE għall-perijodu ta' programmazzjoni preċedenti kif ukoll dak attwali, u li r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mhumiex maħsuba għal bidliet legiſlattivi fil-perijodu ta' programmazzjoni attwali jew dak li jmiss;
- (6) JISSOTTOLINJA l-importanza mogħtija mill-Kunsill lill-orjentazzjoni favur il-prestazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, kif tixhed fost oħrajn l-introduzzjoni ta' għadd ta' elementi ġodda bbażati fuq il-prestazzjoni fil-leġislazzjoni dwar il-politika ta' koeżjoni 2014-2020;

(7) Fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti:

- a) JAPPELLA lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, fil-livell ta' ġestjoni rispettiv tagħhom, biex jiżguraw it-twettiq tar-rekwiżiti legali tad-durabbiltà għal investimenti produttivi;
- b) IQIS li r-rekwiżiti addizzjonali fuq id-durabbiltà, marbuta b'mod partikolari mal-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni, jistgħu jgħallqu spejjeż akbar u piż amministrattiv addizzjonali għall-benefiċjarji kif ukoll għall-istrutturi maniġerjali u tal-implimentazzjoni;
- c) JAPPELLA lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari sabiex jevitaw kemm jista' jkun it-telf nett għall-ekonomija meta jfasslu l-proċeduri għall-għażla tal-proġetti;
- d) IQIS, madankollu, li min-natura tagħhom is-setturi innovattivi u li jinbidlu malajr fihom aktar riskji fejn jirrigwarda d-durabbiltà;
- e) JISSOTTOLINJA d-diffikultà li tiġi stabbilita rabta kawżali bejn ir-riżultati ta' proġett individwali u l-benefiċċji indiretti għal reġjun sħiħ;
- f) JISSOTTOLINJA li d-deċiżjonijiet dwar miżuri korrettivi li huma marbuta mhux ma' ksur tar-rekwiżiti legali tal-UE dwar id-durabbiltà iżda man-nuqqas ta' kisba ta' miri partikolari ta' proġett huma fil-kompetenza tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet ta' Ġestjoni tagħhom.
- g) IQIS li d-durabbiltà hija kunċett stabbilit fil-politika ta' koeżjoni u b'hekk tista' titqies bħala prassi tajba għall-istrumenti kollha tal-UE li huma marbuta mal-infrastruttura u l-investimenti produttivi.